*Preskrizzjoni brevi – artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*
*Sospensjoni tal-preskrizzjoni bl-introduzzjoni tal-kawza*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 9**

**Citazzjoni Numru 836/04TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**1) Lloyd's Malta Limited (C-24248) bhala rapprezentant 'ex lege' tal-membri ta' Lloyds li jirrizultaw mill-annessa skeda mmarkata Dok 'C' li jifformaw parti mis-sindakati numru 1027, 1239, 1069, 1173, 947 u 991 u relattivament ghall-Empoyers Liability Insurance Policy Numru EL005088 u Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086; 2) Micallef Insurance Agency Limited (C-5660) bhala agent lokali tas-socjeta` estera Independent Insurance Company Limited (In Provisional Liquidation); 3) Atlas Insurance Limited (C-5601) bhala successur fid-drittijiet u obbligi ta' AXA Insurance plc; 4) Allcare Insurance Agency (C-8180) Limited bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta ta' assikurazzjoni estera Assicurazzione Generali S.p.a; 5) Citadel Insurance plc (C-21550); 6) Elmo Insurance Limited (C-3500) bhala successur fid-drittijiet u obbligi ta' Royal and Sun Alliance Insurance Group Plc.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Novembru 2004 mill-Bank u d-dikjarazzjoni mahlufa mill-Prokuratur Legali Adrian Borg li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:-

"Peress illi l-konvenuti kienu hargu flimkien bejniethom ghaxar (10) poloz ta' assikurazzjoni differenti a favur tal-Bank attur u dan b'sehh mill-1 ta' Jannar 1996 u debitament mgedda.

Peress illi certu Cettina Cilia, illum defunta, kienet manager fil-branch tal-Bank attur geww r-Rabat, Malta.

Peress illi fis-7 ta' Ottubru 1998 waqt li l-imsemmija Cettina Cilia kienet niezla tarag fl-istess branch waqghet u kisret sieqha. Hija damet barra mix-xoghol ghal madwar xahar. Meta irritornat ghax-xoghol fid-9 ta' Novembru 1998 u filwaqt li kienet ghadha ma irkupratx mill-incident fuq imsemmija hija regghet waqghet u kellha tittiehed l-isptar b'ambulanza fejn instab li kisret il-pelvis.

Peress illi l-imsemmija Cettina Cilia ma fiqietx mid-dannu li sofriet fuq il-persuna taghha filwaqt li s-socjetajiet konvenuti irrifjutaw li jhallsu d-danni sofferti mill-istess Cilia in kwantu rritenew li l-kundizzjoni li zviluppatilha ma kenitx kagunt tal-incidenti de quo izda kagun ta' kondizzjonijiet medici pre ezistenti ghall-istess incidenti.

Peress illi skond il-poloz jirrizulta li dizabilita` ghal aktar minn sena ghandha titqies bhala dizabilita` permanenti li irriduciet il-mobilita` indipendenti taghha u ghalkemm il-Bank ghamel claim taht il-General PA 005086 sal-lum l-assikuraturi ghadhom inadempjenti.

Peress illi fl-4 ta' Awissu 2001 l-imsemmija Cettina Cilia mietet.

Peress illi fil-31 ta' Lulju 2002 Arthur Cilia, ir-ragel tad-defunta, u Bogdan Valentin Cilia, iben u l-unika eredi tad-defunta, ipprezentaw ittra ufficjali kontra l-Bank attur li permezz taghha l-imsemmija Cilia zammew lill-Bank attur responsabbli ghaz-zewg incidenti tas-7 ta' Ottubru 1998 u tad-9 ta' Novembru 1998 fuq imsemmija minhabba li qed jirritjenu li l-incidenti de quo sehhew esklussivament minhabba negligenza u/jew nuqqas ta' tharis tar-regoli relattivi ghas-sigurta` tal-haddiema/impjegati fuq il-post tax-xoghol u interpellaw lill-istess bank sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom sofferti.

Peress illi fl-4 ta' Dicembru 2003 il-Bank attur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenuti Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) bhala mandatarji u agenti ta' Lloyds Malta Limited bhala rapprezentanti ex-lege tal-membri ta' Lloyds migbura fis-sindikati numru 1027, 2027, 1069, 1173, 947 u 991; Micallef Insurance Agency Limited (C-5660) bhala agenti u

ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Independent Insurance Company Limited Atlas Insurance Agency Limited (C-5601) bhala agenti u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera AXA Insurance p.l.c.; Allcare Insurance Agency bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Assicurazione Generali s.p.a; Citadel Insurance p.l.c. (C-21550), Elmo Insurance Services Limited (C-3500).

Peress illi fit-12 ta' lulju 2004 l-imsemmija Cilia regghu ipprezentaw ittra ufficjali ohra kontra l-Bank attur.

Peress illi s-socjetajiet konvenuti b'ittra ufficjali kontra l-Bank attur datata 5 ta' jannar 2004 qed jirritjenu illi l-pretensjoni tal-imsemmija Cilia hija preskritta.

Peress illi f'kaz li l-imsemmija Cilia jistitwixxu kawza kontra l-Bank attur u jkollhom ezitu favorevoli, il-Bank attur ikollu dritt u interess li jressaq il-pretensjonijiet tieghu fuq l-assikuraturi tieghu sabiex jigi indennizzat ghad-danni li talvolta jkun tenut ihallas lill-imsemmija Cilia.

Peres illi l-Bank attur ghandu kull interess li ma jiddekadiex mid-dritt li jdur kontra u jigi indennizzat mill-assikuraturi tieghu fl-eventwalita` fuq imsemmija.

Peress illi d-danni pretizi mill-imsemmija Cilia huma koperti taht il-poloz ta' assikurazzjoni fuq imsemmija jew liema minnhom.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi fl-eventwalita` li l-imsemmija Cilia jistitwixxu b'ezitu favorevoli kontra l-Bank attur in konnessjoni mal-incidenti fuq imsemmija, l-imsemmija danni li talvolta l-Bank attur jigi kkundannat ihallas a favur l-imsemmija Cilia, huma koperti mill-poloz ta' assikurazzjoni Employers Liability Insurance policy numru EL0050088 u/jew Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086.

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tal-"claim" tal-Bank attur skond it-termini tal-istess poloz ta' assikurazzjoni bl-interessi skond il-ligi.

3) Tillikwida r-rizarciment u l-kumpens talvolta dovur lill-Bank attur;

4) Tikkundanna, jekk ikun il-kaz, lis-socjetajiet konvenuti ihallsu solidalment bejniethom lill-Bank attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti ingunti ghas-subizzjoni."

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti u d-dikjarazzjoni mahlufa minn Mark Laferla li permezz taghha eccipew is-segwenti:-

“1. Illi, preliminarjament s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess gjuridiku sabiex tistitwixxi din l-azzjoni ghaliex l-interess identifikat mis-socjeta` attrici (cioe` illi ma tiddekadix mid-dritt ta’ azzjoni ghal risarciment taht polza ta’ assikurazzjoni f’kaz illi tigi ppresentata kontra s-socjeta` attrici) ma jikkwalifikax bhala interess sostantiv u azzjonabbli. Dan id-dritt jippersisti (minnghajr htiega ta’ priservazzjoni u minnghajr perikolu ta’ preskrizzjoni jew dekadenza) ghal zmien hames snin minn meta d-dritt jkun ezigibbli – f’dan il-kaz cioe` meta il-kawza temuta tigi effettivament prezentata u sfavorevolment deciza. Il-materja ta’ preskrizzjoni sollevata mill-eccipjenti tirrigwarda l-pretenzjonijiet tat-terzi (Cilia) u mhux dawk (eventwali) tas-socjeta` attrici.

2. Illi preliminarjament ukoll, s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess gjuridiku tistitwixxi din l-azzjoni ghaliex in-natura ghal kollox ipotetika u sperimentali tal-azzjoni proposta ma tikkonformax ma dak definit bhala interess gjuridiku fil-gurisprudenza.

3. Illi l-azzjoni hija ntempestiva b’mod ghal kollox insanabbli (anke bl-operazzjoni tad-duttrina ta’ *jus superveniens* tant illi dina l-Onorabbli Qorti ma tkunx fi grad (anke f’kaz tal-ammissjoni immedjata tat-talbiet kollha attrici mill-istanti) illi tghaddi ghas-sentenza mitluba billi l-oggett tal-azzjoni – id-danni illi s-socjeta` attrici tkun kundannata thallas f’kawza illi ghadha ma saretx – ghadhom indeterminati u sa issa inezistenti u l-ezistenza ta’ tali danni hija dipendenti fuq l-ezitu ta’ kawza illi ghadha ma gietx prezentata, ghadha ma gietx deciza u x’aktarx ma tigix pprezentata billi d-dritt ta’ azzjoni tat-terzi huwa preskritt.

4. Illi jigi eccepit generalment izda b’riferenza partikolari ghall-ewwel zewg talbiet attrici, illi (in vista tan-natura ipotetika tat-talbiet attrici) tali talbiet ma jistghux jigu milqugha billi l-eventwali sentenza f’din il-kawza tista sservi biex tizgura lis-socjeta` attrici indennizzar mill-eccipjenti f’cirkostanzi fejn tali indennizzar huwa eskuz taht il-poloz rilevanti. Dan ghaliex f’kaz illi ssir il-kawza mis-successuri ta’ Cettina Cilia, jistghu jirrizultaw fatti illi jeskludu kopertura ghaz-zewg incidenti (ossija d-danni naxxenti minnhom) taht il-poloz mahruga (inter alia) ghar-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni hawn mehmuza) jew altrimenti ghaliex bejn id-data tas-sentenza mitluba f’din il-kawza (f’kaz ta’ ezitu sfavorevoli ghas-socjeta` attrici) u d-data tas-sentenza ottenuta mit-terzi (f’kawza sallum mhux pprezentata), is-socjeta` attrici tista’ tippregudika l-kopertura illi talvolta tipposjedi fir-rigward tal-incidenti meritu tal-kawza.

5. Illi t-tielet u r-raba talbiet huma opposti ghaliex jikkontemplaw il-likwidazzjoni u l-hlas ta' "kumpens" illi ma jistghax jigi likwidat u certament ma jistghax jithallas sakemm l-azzjoni tat-terzi – preskritta skond l-eccipjenti – tigi pprezentata u deciza kontra s-socjeta` attrici.

6. Illi f'kull kaz u minnghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-imghax talvolta pagabbli mill-eccipjenti jista' jibda jiddekkorri biss mid-data illi fiha (wara sentenza sfavorevoli ghas-socjeta` attrici) jsir l-hlas tad-debitu lil terzi mis-socjeta` attrici.

7. Illi l-eccipjenti ma ghandhomx jbatu l-ispejjez ta' din l-azzjoni billi l-istess giet pprezentata biss "biex il-Bank ma jiddekadix mid-dritt" tieghu kontra l-eccipjenti – effett illi kien jkun ottenibbli l-espedjent facili tal-prezentata ta' ittra gudizzjarja fil-hin opportun.

8. Fil-meritu l-eccipjenti jirrilevaw illi huma jaccettaw illi, purche illi ma jirrizultax illi kien hemm xi ksur mis-socjeta` attrici tal-kondizzjonijiet tal-poloz tal-assikurazzjoni relattivi u purche d-danni riklamati huma tali illi s-socjeta` attrici hija koperta kontra taghhom skond il-poloz, is-socjeta` attrici tkun koperta taht il-poloz kontra d-danni illi hija tista' tbati bhala effett tal-incidenti subiti mid-defunta Cettina Cilia, u dan pero` sakemm tali kopertura ma tigix sussegwentement pregudikata minn xi ksur tal-kondizzjonijiet tal-poloz relattivi illi jittrattaw l-obbligi tal-assikurat meta jsir claim taht il-polza.

9. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjetajiet konvenuti a` fol 230 tal-process.

Rat il-verbal tal-Qorti tad-19 ta' Jannar 2011 a` fol 743 tal-process fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq imsemmija;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar, 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

**Il-Fatti bejn il-partijiet**

**1.** Concetta sive Cettina Cilia, illum mejta, kienet tahdem bhala Manager fil-fergha tal-Bank attur tar-Rabat Malta. Kif indikat fic-citazzjoni, l-attrici kellha zewg incidenti, wiehed fis-7 ta' Ottubru u iehor fid-9 ta' Novembru tas-sena 1998. Wara dawn l-incidenti, kemm hi, meta kienet hajja, u kif ukoll l-aventi causa taghha, wara li mietet, bdew jinterpellaw b'ittri ufficjali lill-Bank attur f'intervalli ta' circa sentejn, dejjem qabel ma tiskadi l-preskrizzjoni biennali, sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni u hlas tal-istess, pero' minghajr qatt ma istitwew proceduri biex jiddeducu l-pretensjonijiet taghhom.

**2.** Il-fatti juru, li l-partijiet ghamlu snin jikkorrispondu bejniethom biex jirrisolvu l-*claims* li ghamel il-Bank attur mal-kumpaniji konvenuti konsegwentement ghall-incidenti imsemmija. Il-kumpaniji konvenuti, bdew jinsistu li ma ghandhomx ihallsu, peress li l-pretensjonijiet tal-*aventi causa* ta' Connie Cilia kienu preskritti.

**3.** Il-Bank attur ipproceda bl-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 2003 (a` fol 268) kontra l-kumpaniji konvenuti biex jikkonserva d-dritt li jaghmel *claim*

taht iz-zewg poloz imsemmija fit-talba attrici, anke jekk matul il-kawza, kemm b'digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2008 u anke minn diversi dikjarazzjonijiet li ghamlu l-partijiet u kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, dik tal-atturi fl-ahhar paragrafu (a` fol 730) u dik tal-konvenuti f'paragrafu 2 (a` fol 744 ) il-partijiet illimitaw il-kwistjoni ghal polza wahda u cioe` dik intitolata Group Personal Accident Insurance Policy numru GPA 005086.

**4.** Skont il-verbal tal-24 ta' Jannar 2008 il-provi tal-partijiet kienu ezawriti (a` fol 211 ) u ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghal data ohra, bil-fakolta` li z-zewg partijiet jaghmlu n-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi taghhom.

**5.** F'dan l-istadju rega' infetah id-dibattitu dwar il-preskrizzjoni rigward il-polza Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086. Jidher li apparti dak li ser jinghad aktar 'l isfel dwar ix-xhieda ta' Robert Baldacchino, il-proposta maghmula fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Bank attur (a` fol 223) kompliet instigat lill-kumpaniji konvenuti biex iqanqlu l-eccezzjoni ulterjuri li tinsab a` fol 230 tal-process, bl-invokazzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali estintiva in virtu` tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-verbal tal-4 ta' Novembru 2008 (a` fol 239) l-Avukat tal-kumpaniji konvenuti fisser "... … illi l-imsemmija eccezzjoni hija mibnija fuq il-fatt illi l-Bank attur assikurat kien baqa' inattiv ghaz-zmien preskrittiva msemmi fl-eccezzjoni wara li ressaq *claim* mal-Kumpaniji konvenuti jew min minnhom".

**6.** Irid jinghad ukoll, li qabel ma tressqet l-eccezzjoni ulterjuri fuq imsemmija, l-ewwel darba li ssemmiet din l-eccezzjoni kienet fid-deposizzjoni ta' Robert Baldacchino, General Manager ta' Laferla Insurance Ltd, moghtija fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007.

**7.** B'din l-eccezzjoni, kawza li sa ftit qabel kienet tidher maghluqa, tant li thalliet ghas-sottosmissjonijiet finali, rega' infetah bieb ghal volumi ta' provi dokumentarji, b'hafna minnhom minghajr rilevanza ghall-kawza odjerna.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**8.** Il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tirrrigwarda wahda mill-poloz biss, u cioe` l-**Group Personal Accident Insurance Policy Numru GPA 005086**. Kif inghad aktar 'l fuq, id-dibattitu dwar il-preskrizzjoni estintiva gie limititat ghal din il-polza. Ghalhekk biex l-affarijiet ikunu cari, dik hekk imsejha **Employers Liabilty Insurance Policy numru EL0050088** ma hiex in dibattitu, ghaliex anke l-kumpaniji konvenuti jiddikjaraw u jaccettaw esplicitament li kull *claim* li tista' issir taht din il-polza ma hiex preskritta.

**9.** Fin-nota ta' ossservazzjonijiet tieghu, il-Bank rikorrent jikkontendi li l-preskrizzjoni sollevata mill-kumpaniji konvenuti ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa' ghal dawn ir-ragunijiet:

Li ma hemmx preskrizzjoni, ghaliex l-azzjoni esperita saret entro hames snin minn meta skont il-ligi setghet tkun ezercitata

u

Fi kwalunkwe kaz, bl-eccezzjonijiet taghhom stess, in partikulari dik f'paragrafu 8 tan-nota tal-eccezzjonijiet, il-kumpaniji konvenuti rrinunzjaw ghall-preskrizzjoni u li di piu', l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjonijiet diga' moghtija.

## Konsiderazzjonijiet

**10.** Din il-Qorti tibda biex titratta t-tieni raguni. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom il-kumpaniji konvenuti jispjegaw li l-Bank attur qieghed jaqbad mas-semantika ta' kif giet konfezzjonata t-tmien eccezzjoni peress li flok il-kelma polza intuza l-kliem poloz.

**11.** Kif jirritjenu diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati, biex ikun hemm rinunzja ta' preskrizzjoni din trid tkun cara u univoka anke jekk implicita u mhux espressa. **Fis-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili, fl-ismijiet Pauline Cachia -vs- Joseph Aquilina et tad-9 ta' Gunju 2004,** il-Qorti kellha dan xi tghid:-

> "Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ma tigix prezunta izda trid tigi provata b'mod konkluziv u jekk tali rinunzja tkun tacita irid jinsorgi fatt car u evidenti li jkun jinkludi fih l-intenzjoni tar-rinunzja u li ma jkunx jippresta ruhu ghal xi interpretazzjoni ohra jew li jqajjem xi dubju dwar l-intenzjoni tar-rinunzjant."

**12.** Din il-Qorti ma tistax ma tosservax it-trajettorja xejn dritta u pjuttost xi ftit konvulsiva li hadet din il-kawza. La c-citazzjoni ma kienet daqstant cara, tant li kellha issir korrezzjoni taghha fil-kors tal-kawza u lanqas il-korrispondenza voluminuza li ghaddiet bejn il-partijiet qabel ma nbdiet il-kawza. Korrispondenza, li f'mumenti minnhom, trid taqra bejn il-linji biex tifhem ghal liema wahda mill-poloz kienu qeghdin jirreferu z-zewg partijiet. Dan l-argument japplika wkoll ghall-kwistjoni ta' kompatibbilta' tal-eccezzjoni ulterjuri mal-bqija tal-eccezzjonijiet, in partikulari dik enumerata 8 f'dik in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kumpaniji konvenuti.

**13.** Minhabba c-cirkostanzi xejn felici tal-mod kif evolviet din il-kawza, il-Qorti ma tistax ma taghtix il-beneficcju tad-dubbju lill-argumenti tal-kumpaniji konvenuti. Apparti l-ispjegazzjoni li jaghtu fin-nota ta' osservazzjoni taghhom, jirrizulta mill-parti l-kbira tad-dokumenti esebiti, fi stadju tal-kawza biss, beda johrog car li d-dibattitu kien principalment dwar il-polza maghrufa bhala *Personal Accident* u mhux l-*Employer Liability*. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-Bank attur li kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti tal-kumpaniji konvenuti jew li l-eccezzjoni ulterjuri hija inkompatibbli mal-eccezzjoniijet u taghmel tagha l-insenjament tad-decizjoni surreferita.

**14.** Lanqas ma hemm ghalfejn ikun kkunsidrat minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni inkwistjoni ghaliex fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom is-socjetajiet konvenuti jaqblu mal-osservazzjonijiet maghmula mill-Bank attur (ara paragrafu 5 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti

a` fol 745). Di piu` artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi:-

> **"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."** Dan konformament mal-principju li *contra non valemtem non currit praescriptio* (Ara ukoll sentenza deciza mill-**Prim Awla fl-ismijiet Mario Testa -vs- Alfred Theuma et, deciza 12 ta' Mejju 2003).**

**15.** Ghalhekk hemm qbil bejn il-partijiet li din bdiet tiddekkorri minn sena wara l-akkadut tas-sinistru, skont kif kienet tipprovdi l-istess polza. Aktar minn hekk fl-istess nota ta' osservazzjonijiet taghhom, il-kumpaniji konvenuti jaccettaw, li l-preskrizzjoni sahansitra giet interrotta bl-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru tal-2003. Izda fl-istess waqt il-kumpaniji konvenuti jargumentaw b'mod sofistikat is-segwenti:-

> "Din l-argomentazzjoni ghalkemm korretta ma taghlaqx l-argument tal-preskrizzjoni. Jekk wiehed jaccetta – haga li ma hiex qed issir f'din in-nota minhabba t-test inkonklussiv (ghal finijiet propju tal-artikoli tal-ligi citati) - illi l-perjodu preskrittiv beda jiddekorri (ghaliex interrott bl-imsemmija ittra) mill-4 ta' Dicembru 2008, sakemm il-Bank Attur ma ressaqx kawza propju sabiex jikser jikseb id-dritt illi ried jippriserva permezz tal-imsemija ittra gudizzjarja."

**16.** Il-Qorti ezaminat l-ittra ufficjali fuq imsemmija. Ghalkemm setghet kienet aktar cara, minnha jemergi pero`, li saret mill-Bank attur, mhux biex

jikkonserva xi drittijiet tal-konjugi Cilia, tant li fiha jafferma li ma hux jammetti xi responsabbilta` ghall-incidenti, izda biex jikkonserva d-dritt tieghu li jaghmel *claim* taht dawk il-poloz u kwindi, biex jipprotegi ruhu mill-preskrizzjoni estintiva, bhal ma hi dik taht artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**17.** Ma jaghmilx sens li l-konvenuti f'hin minnhom jaqblu li l-ittra ufficjali serviet l-iskop taghha biex setghet tkun istitwita l-kawza odjerna, tant li jammettu li l-effett taghha ai fini ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni, zgur kellu jwassal sal-4 ta' Dicembru 2008, izda mhux hekk ghal wara din id-data. Fid-dawl tal-ispjegazzjoni li tat il-Qorti, propju fil-paragrafu precedenti, ma tistax taqbel ma' dan l-argument.

**18.** Hemm argument iehor li forsi ftit inghata piz. Li l-kawza odjerna inbdiet fil-perjodu preskrittiv kif interrott fl-ittra ufficjali fuq imsemmija. L-introduzzjoni ta' kawza ma ghandhomx l-istess effetti ta' att gudizzjarju li kull ma jaghmel hu li jinterrompi z-zmien tal-preskrizzjoni. L-effett ta' introduzzjoni ta' kawza jissospendi l-effetti tal-preskrizzjoni. Huwa minnu li din ix-xorta ta' sospensjoni ma tinsabx fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta taht artikolu 2122 et sequens. Izda l-Qrati taghna hassew, anke biex jimlew vojt li halliet il-ligi, li ghandhom jipprovdu ghal din ix-xorta ta' sospensjoni.

**19.** F'dan ir-rigward, l-insenjament fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Giuseppe Bianco -vs- Maria Demarco et tat-**

**28 ta' Jannar 1930** huwa ta' interess partikolari. F'dan il-kaz il-Qorti qalet hekk**:**

> "Gli effetti della interruzione derivanti da una domanda gudiziale variano, secondo che' sia intervenuta sentenza definittiva o il giudizio sia stato lasciato a' mezzo. Nel primo caso la prescrizione resta sospesa per tutta la durata del giudizio, ed e' solo dalla sentenza che ricomincia a' correre il period prescrittivo."

**20.** Ghalhekk fid-dawl ta' dan it-taghlim, anke fil-kaz tal-kawza odjerna, una volta introdotta l-azzjoni, kull perjodu preskrittiv kien sospiz mid-data tal-prezentata tal-kawza u cioe`, mill-1 ta' Novembru 2004. Ghalhekk anke hawn, l-argument tal-kumpaniji konvenuti f'dan ir-rigward, jitlef kull valur guridiku.

**21.** Fl-ahhar nett irid jigi ukoll innotat, li propju meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq il-punt tal-preskrizzjoni u kienet hekk imhollija mill-11 ta' Mejju 2011, fil-5 ta' Dicmebru 2014 il-kumpaniji konvenuti intavolaw rikors li eventwalment gie michud. Fih talbu li jippresentaw eccezzjoni ulterjuri sabiex, kif fehmet din il-Qorti, il-kumpaniji konvenuti jinhallu mill-obbligi taghhom taht il-"poloz", din id-darba tnejn u mhux wahda, fid-dawl li l-Bank attur kiser artikolu 3 tal-"polza" u dan ghar-ragunijiet imsemmija f'dak ir-rikors.

**22.** Dan ifisser li l-kumpaniji konvenuti ghamlu tentattiv iehor biex jissollevaw eccezzjoni ulterjuri ohra, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma hiex

wisq kompatibbli mal-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni. Li titlob li tinhall minn obbligu, li fl-istess nifs qed tghid li ma ghadekx vinkolat bih ghax preskritt, talinqas, sa fejn si tratta l-polza tal-*Group Personal Accident*, jemergi element ta' inkompattibilta`.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi il-kawza billi **tichad** l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzzjoni kif sollevata mill-kumpaniji konvenuti fin-nota taghhom tat-30 ta' Gunju 2008 u li tinsab a` fol 230 tal-process.

Fid-dawl ta' din id-decizjoni, il-Qorti qeghdha tordna l-prosegwiment u trattazzjoni tal-kawza.

Spejjez tal-kawza riservati mas-sentenza finali.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**